# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 73**

**Nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 73 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:27pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

73.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

73.4 Korrispondenza

73.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

73.6 Rapporti;

73.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

73.9 Mozzjonijiet;

73.10 Offerti għas-Sejħiet – Tenders - Evalwazzjoni

73.11 Tħejjijiet għall-Festa

73.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

TMIEM

**73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

73.1.1 Għal din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

73.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

73.2.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci semma li kienet saret laqgħa dwar it-traffiku fi' Triq il-Kbira u dwar il-proposta li jsir linja safra biex tittaffa' il-problema. Matul din il-laqgħa, ma kienx hemm oġġezzjonijiet biex dan isir. Ġie diskuss ukoll li għall-ewwel jiem/ġimgħat isir infurzar sakemm dan l-arranġament ġdid jindera. Issemma' wkoll li jkun jista jsir parkeġġ bejn is-7:00 ta' filgħaxija u s-7:00 ta' filgħodu, u jkun hemm żewġ un/loading bays.

73.2.3 Fil-5:37pm daħal il-Kunsillier Elia Borġ.

**73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-bandli u l-grawnd ta' Wesgħat il-Ġublew kienu lest. Saret xibka u wiċċ tat-turf fil-grawnd kif ukoll saret manutenzjoni fuq ir-rubber-flooring tal-bandli għas-sigurta' tat-tfal li jużawhom.

73.3.2 Il-Kunsillier Mario Sammut ħareġ mil-laqgħa fil-5:51pm u reġa' daħal fil-5:55pm.

73.3.3 Il-Kunsillier Eman Vella daħal għal-laqgħa fil-5:54pm.

73.3.4 Issemmew il-problemi li kien hemm mal-WSC minħabba il-proġett tan-New Water li kien ser jgħaddi mit-triq tal-Armaġġ li kien ser jingħatalha wiċċ ġdid. Ser issir laqgħa mas-Sur Anthony Tanti tal-WSC biex isir l-aħjar arranġament.

73.3.5 Is-Sindku semma li il-Kunsill għal darb' oħra kien ser jerġa japplika għall-findi tal-Libreriji Pubbliċi. Bi' qbil mal-librara, il-fondi ta' din is-sena ser jintużaw sabiex isir alarm tan-nar, xogħlijiet ta' żebgħa u tibjid, xiri ta' trolley għall-kotba kif ukoll solar film mat-twieqi biex tiġi ffrankata aktar enerġija.

**73.4 Korrispondenza**

73.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

73.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li hekk kif kienet titlob il-proċedura, infetaħ kont bankarju mal-Bank Ċentrali ta' Malta biex fih u minnu jsiru it-tranżazzjonijiet relatati mal-proġett tal-Miżura 4.3. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv huma il-firmatarji ta' dan il-kont bankarju.

73.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-korrispondenza li ħarġet l-AKL dwar it-tabelli 'Tow Away Zone' li jitwaħħlu fuq il-post meta jkun ser isiru xi xogħlijiet. Spjega il-proċess hekk ġiet maqbul bejn l-entitajiet konċernati.

73.4.4 Tressaq ilment dwar periklu li xi' residenti qed isibu biex joħorġu f' Ta' Mrejnu. Il-Kunsill, wara diskussjoni, ideċċieda li jipproponi lil Transport Malta li jiġu introdotti timed-traffic lights f' dal il-post, kif ukoll fi' Triq iż-Żebbiegħ.

**73.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

73.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**73.6 Rapporti**

73.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**73.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

73.7.1 Ma kienx hemm temi oħra diskussi waqt din il-laqgħa.

**73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

73.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 8 li kienet tammonta għall-Ewro 65,542.75

73.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**73.9 Mozzjonijiet**

73.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**73.10 Offerti għas-Sejħiet – Tenders - Evalwazzjoni**

73.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien intallab 'Compliance Report dwar iż-żewġ tenders li hemm bżonn issir evalwazzjoni għalihom. Dwar MGR 2018/01 intalab rapport mingħand l-inġinier tal-Kunsill filwaqt li għall-MGR 2018/03 intalab rapport mingħand il-perit tal-Kunsill.

73.10.2 Iż-żewġ rapporti indikaw li l-kuntratturi kollha li tefgħu l-offerta' tagħhom huma skond dak mitlub fis-sejħiet.

73.10.3 Għaldaqstant il-proċess tal-evalwazzjoni jista jkompli miexi.

73.10.4 Ġie deċiż li għall-MGR 2018/02, peress li ma kienx hemm offerti, jinġiebu kwotazzjonijiet tax-xogħol mingħand kuntrattur li jistgħu jaħdmu dan ix-xogħol.

**73.11 Tħejjijiet għall-festa**

73.11.1 Is-Sindku semma' il-koordinament li qed isir bi' tħejjija għall-festa ta' Santa Marija.

73.11.2 Issemma li twaħħal banner mal-binja tal-uffiċċju amministrattiv dwar party tal-festa. Dan sar mingħajr l-ebda' permess tal-Kunsill.

**73.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

73.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:39pm.

73.12.2 Il-Laqgħa numru 74 tal-Kunsill issejħet għal-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***